

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1153/2010

tat-8 ta' Diċembru 2010

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 175/2010 billi jittawwal il-perjodu tal-applikazzjoni tal-miżuri għall-kontroll taż-żieda fil-mortalità fil-gajdri tal-Paċifiku (*Crassostrea gigas*)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-animali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzioni u l-kontroll ta' ċertu mard fl-annimali akkwatiki (¹), u b'mod partikolari l-Artikoli 41(3) u 61(3) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 175/2010 tat-2 ta' Marzu 2010 li jimplejta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward ta' miżuri għall-kontroll taż-żieda fil-mortalità fil-gajdri tal-ispeċi *Crassostrea gigas* b'rabbta mas-sejbien tal-Ostreid herpesvirus 1 pvar (OsHV-1 pvar) (²) ġie adottat biex jitrażżan it-tixrid ta' marda kkawżata potenzjalment minn infelżzjoni viral fil-gajdri tal-Paċifiku (*Crassostrea gigas*) fi Franzia, fl-Irlanda u l-Gżejjer Channel.
- (2) Peress li ma kienx ċar jekk dak il-virus ikkawżax verament żieda fil-mortalità fil-gajdri tal-Paċifiku (*Crassostrea gigas*), dawk il-miżuri kienu adottati fuq bażi temporanja sal-31 ta' Diċembru 2010.
- (3) Żieda fil-mortalità fil-gajdri tal-Paċifiku (*Crassostrea gigas*) fkonnessjoni mas-sejbien ta' OsHV-1 pvar kompliet isseħħi fl-2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbi fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2010.

(4) Rapporti dwar l-esperjenza miksuba mill-Istati membri bi programmi għas-sejbien minn kmieni ta' OsHV-1 pvar, kif ukoll opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-İlkew dwar il-kawżi se jiġu disponibbli biss fil-Ħarifa tal-2010 u se jkollhom bżonn jiġu evalwati qabel ma jistgħu jiġi rikonsidrati l-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 175/2010.

(5) Konsegwentement, il-perjodu tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 175/2010 għandu jkun estiż sat-30 ta' April 2011. Dak ir-Regolament għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 175/2010, id-data "31 ta' Diċembru 2010" għandha tinbidel għal-30 ta' April 2011.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fit-tielet jum wara l-pubblikkazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14.

⁽²⁾ ĠU L 52, 3.3.2010, p. 1.